# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 14**

**Citazzjoni Numru 873/92 SM**

**Sydney Ellul Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eloise Limited**

**vs**

**David Jones, Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta' Gunju, 1992, li permezz taghha l-attur nomine espona is-segwenti:

> "Peress illi l-attur nomine kien inkariga lis-socjeta` konvenuta sabiex tiehu hsieb titrasporta mill-Italja ghal Malta diversi konsenji ta' merkanzija Bill of Lading 320137 u Bill of Lading 320136 u Bill of Lading 320149 rispettivament.

> "Peress illi irrizulta li ghalkemm il-merkanzija kollha giet konsenjata mill-esportaturi Taljani lill-agenti tas-socjeta` konvenuta fl-Italja, fil-fatt parti sostanzjali mill-merkanzija qatt ma waslet Malta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "Peress illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghal dan in-nuqqas.
>
> "Peress illi l-attur nomine soffra danni ingenti b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas.
>
> "Peress illi nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur nomine, baqghet inadempjenti.
>
> "Jghidu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:
>
> "1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kif fuq spjegat.
>
> "2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici;
>
> "3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur nomine id-danni hekk likwidati;
>
> "Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Mejju, 1992, kontra l-konvenuti nominee ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine datata l-1 ta' Lulju, 1993, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

> "1. Illi s-socjeta` konvenuta mhix il-legittimu kontradittrici tal-attur noe. f'din il-kawza u ghalhekk ghandha minnufieh tigi liberata bl-ispejjez. Di fatti il-merkanzija ingarret ghal Malta fuq Bill of Lading ta' ditta B. Pacorini SRL. (Dok XX) u l-agenti f'Malta ta' din is-socjeta` estera hija ic-Central Marine Recovery Co. Ltd u mhux is-socjeta` konvenuta.
>
> "2. Illi f'kull kaz, il-Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni li jitrattaw kawza bhal din ai termini tal-klawsola 19 tal-istess Bill of Lading.
>
> "3. Salvi eccezzjonijiet ohra fil-mertu jekk ikun il-kaz."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Novembru, 1997, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, cahdet l-ewwel

eccezzjoni tal-konvenuti nomine rigwardanti l-legittimu kontradittur u rrizervat li tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez fil-gudizzju finali. Dik il-Qorti waslet ghal dik il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonjiet:

> "Bil-presenti qed tigi deciza biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti nomine fejn gie eccepit illi s-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontradittrici f'din il-kawza stante li l-merkanzija in kwestjoni ngarret fuq Bill of Lading tad-ditta estera hi s-socjeta Central Marine Recovery Co. Limited u mhux is-socjeta` konvenuta;
>
> "F'din ic-citazzjoni s-socjeta attrici ppremettiet li kienet inkarigat is-socjeta konvenuta Vallletta Freight Services Limited sabiex tiehu hsieb it-trasport mill-Italja ghal Malta ta' diversi konsenji ta' merkanzija. F'dan ir-rigward fl-istess citazzjoni saret referenza ghal tlett (30 "bills of lading" u cioe dawk bin-numri 320137, 320136 u 320149. Kopja ta' dawn it-tlett dokumenti gew ukoll esibiti mis-socjeta` attrici mac-citazzjoni. Is-socjeta` attrici qed tallega li parti sostanzjali mill-merkanzija qatt ma waslet Malta u li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghal dana n-nuqqas u ghad-danni konsegwen\jali sofferti minnha;
>
> "Mill-imsemmija "bills of lading" (vide fol. 5, 6 u 7) jirrizulta li l-merkanzija in kwestjoni ngarret mid-ditta estera B.Pacorini s.r.l. dejjem mill-istess dokumenti jirrizulta li l-korrispondenti tal-imsemmijaa ditta estera hawn Malta hi s-socjeta Central Marine Recoveries Limited. Is-socjeta konvenuta ssostni li l-imsemmija socjeta Central Marine hi in effett l-agent tal-imsemmija ditta trasportatrici estera. Ghandu jigi rilevat li dwar dan ma ngiebet ebda prova dokumentarja. Is-socjeta konvenuta inoltre isostni li m'ghandha x'taqsam xejn mal-istess ditta estera li ttrasportat il-merkanzija. Ghalhekk hi mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Jirrizulta li s-socjeta konvenuta u l-imsemmija socjeta` Central Marine jappartjenu lill-istess grupp ta' kumpanija u joperaw mill-istess ufficini;
>
> Ghar-rigward ta' din l-eccezzjoni s-socjeta` attrici ssostni l nkarigat ghat-trasport tal-merkanzija in kwestjoni lis-socjeta konvenuta, kif fil-fatt kien sar diversi drabi fil-passat. L-istess socjeta attrici tinsisti li dwar it-trasport ta' merkanzija in kwestjoni hi ttrattat esklussivament mas-socjeta konvenuta. F'dan ir-rigward il-"commercial manager" tas-socjeta konvenuta kkonferma li s-socjeta attrici kienet ibbukkjat il-garr tal-merkanzija in kwestjoni mieghu, ovvjament fl-imsemmija kariga tieghu mas-socjeta konvenuta. Huwa inoltre kkonferma li s-socjeta kienet gia gabet merkanzija minn barra permezz tas-socjeta konvenuta;

Is-socjeta attrici ssostni li dak li setghet ghamlet is-socjeta konvenuta wara li accettaat l-imsemmi inkarigu zgur li mhux responsabbilita taghha. Jirrizulta li in effett s-socjeta konvenuta inkarigat ghat-trasport lid-ditta estera gia imsemmija, li tidher li hi rappresentata hawn Malta mis-socjeta Central Marine. Ma jirrizultax pero li s-socjeta attrici b'xi mod giet infurmata b;dan kollu. Is-socjeta konvenuta assumiet fil-konfront tas-socjeta attrici r-responsabilita tat-trasport tal-merkanzija ghal Malta u l-istess socjeta konvenuta ma tat ebda informazzjoni dwar il-garr relattiv lis-socjeta attrici. Kienet ghalhekk is-socjeta konvenuta li nkarigat lill-imsemmija ditta estera sabiex isir it-trasport in kwestjoni. In vista ta' dan kollu jirrizulta li fil-fatt hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk jirrizulta li in ieffett is-socjeta konvenuta hi l-legittimu kontradittur f'din il-kawza;

F'dan ir-rigward jirrizulta wkoll illi l-"freight receipts", id-"delivery orders" u n-"notice of arrival" ghar-rigward tal-merkanzija in kwestjoni gew mahruga mis-socjeta konvenuta (vide fol. 61 sa 64 – dok. X2, X3, X4 U x5). Jirrizulta ukoll li parti mill-ispejjez relattivi thallsu mis-socjeta attrici konvenuta (fol. 67 – Dok. X7) u li kien hemm korrispondenza dwar din il-merkanzija bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta (vide fol. 65 u 66 – Dok. X6 fol. 68, 69, 70 u 71 – Dok. X8, X9, X10 u X11). In effett is-socjeta konvenuta sostniet li f'dan kollu kienet qed tagixxi bhala "handling agent" tas-socjeta Central Marine. Dan pero ma jirizultax sufficjentement pruvat. Anzi jidher li din hi biss skuza sabiex jigi gustifikat ir-rwol li kellha s-socjeta konvenuta f'dawn il-fatti kollha. In effett jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet involuta prattikament f'kollox f'dak li jirrigwarda il-garr tal-merkanzija in kwestjoni;

"Il-gia imsemmi "commercial manager" tas-socjeta konvenuta qal li meta fil-bidu tkellem dwar il-garr tal-merkanzija in kwestjoni huwa kien qed jitkellem bhala rappresentant tad-ditta trasportatrici estera. Ma jirrizultax pero li b'dan il-fatt giet infurmata s-socjeta attrici. Inoltre jirrizulta li x-xhud hu impjegat biss mas-socjeta konvenuta u m'ghandux ebda kariga ma' xi socjeta ohra. L-istess xhud ipprova jitfa dubbju wkoll dwar l-ewwel kuntatt u qal li jista' jkun li d-ditta trasportatrici estera giet inkarigata mis-supplier cioe minn min kien ser jibghat il-merkanzija. Dwar dan pero ma ngiebet ebda prova ohra u inoltre meta qal hekk dan ix-xhud waqa' f'kontradizzjoni;

"In vista ta' dan kollu l-eccezzjoni in kwestjoni m'gahndhiex tigi akkolta;"

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' April, 2001, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti cahdet ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta rigwardanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni

tal-qrati Maltin li jitrattaw u jiddeciedu din il-kawza, filwaqt li ddifferiet il-kawza ghall-provi tas-socjeta` attrici fil-meritu u rrizervat li tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez fil-gudizzju finali. L-istess Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Bil-prezenti qed tigi deciza t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta rigwardanti n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati maltin li jittrattaw u jiddecidu din il-kawza u dana ai termini tal-klawsola 19 tal-poloz ta' kariku in kwestjoni;
>
> “Is-socjeta konvenuta ghalhekk qed tghamel referenza u qed tinvoka a favur taghha klawsola esistenti fit-tlett poloz tal-kariku li nhargu ghar-rigward tal-garr tal-merkanzija in kwestjoni u liema klawsola tirrigwarda l-gurisdizzjoni. Din il-klawsola tipprovdi li proceduri kontra t-trasportatur jistghu jittiehdu biss fil-pajjiz fejn principalment jopera l-istess trasporatur u dawn il-proceduri ghandhom jigu decizi skond il-ligi tal-istess pajjiz. Is-socjeta konvenuta qed issostni li a bazi ta' din il-klawsola din il-Qorti hi eskluza illi tittratta u tiddeciedi din il-vertenza;
>
> “Fil-kawza "Reginald Micallef et nomine vs Chev. Silvio Mifsud et nomine" deciza fil-26 ta' Novembru 1991, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha l-okkazzjoni li tippronunzja ruhha appuntu fuq dan il-punt. Fl-imsemmija kawza gew esaminati varji sentenzi precedenti li kienu jittrattaw dwar din l-istess materja. L-imsemmija Qorti qalet li l-gurisprudenza taghna tammetti l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati maltin, pero' mhux meta dan jkun ta' pregudizzju ghar-ricevitur fis-sens illi jkun ghalih impossibli li jippersegwixxi l-kawza quddiem il-Qorti mghazula mill-konvenut u mhux meta, ic-cirkostanzi tal-kaz, jkun aktar sewwa li l-kawza ssir hawn Malta stante li jkun il-post fejn l-ahjar li jistghu jsiru l-provi u b'anqas spejjez. Il-Qorti ukoll ghamlet referenza ghal sentenza fejn intqal illi "….ma tali clausole non fanno venire meno la competenza del tribunale del domicilio reale la quale sussiste malgrado la inserzione di tali patti….." (Kummerc - "Gatt vs Gollcher" - 14.11.1916 - Vol.XXIII.III.484). Saret ukoll referenza ghal sentenza ohra fejn intqal li "patti simili gew kunsidrati validi mhux biss mill-Qorti taghna imma mill-Qrati Taljani u Francizi ukoll. Pero' meta jkun hemm bzonn ta' konstatazzjoni ta' mankanza ta' merkanzija jew ta' deficjenza fil-piz u kazi simili, non ostanti l-klawsola fuq indikata, il-Qrati taghna huma kompetenti ghal dan il-fini peress li dawn huma fatti li jistghu jaccertaw ruhhom meta ssir l-iskarikazzjoni." (Kummerc - "Bonello vs Mifsud" - 30.4.1938 - Vol.XXX.III.373). Jista jinghad, ghalhekk, li nonostante li klawsoli bhal dik in esami ghandhom jigu ritenuti li huma validi, l-gurisdizzjoni tal-Qrati maltin mhux eskluza;

"Inoltre ghandu jigi rilevat illi fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 1997, li biha giet deciza l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, gie ukoll deciz illi s-socjeta konvenuta assumiet fil-konfront tas-socjeta attrici r-responsabilta kollha ghar-rigward tat-trasport tal-merkanzija in kwestjoni. Is-socjeta konvenuta ma tidhirx li hi parti fil-poloz tal-kariku, li jikkontjenu l-klawsoli in kwestjoni. Ghalhekk jista jkun li dawn l-istess klawsoli huma irrilevanti ghal finijiet tar-relazzjoni guridika esistenti bejn il-partijiet;

"In vista ta' dan kollu l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta rigwardanti l-gurisdizzjoni ghandha tigi michuda;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti nomine datata d-19 ta' Mejju, 2003, li permezz taghha eccepew ulterjorment is-segwenti:

"1. Illi s-socjeta` attrici ma kinitx il-proprjetarja` tal-merkanzija in dizamina u b'hekk, m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u Pacorini u wisq anqas mas-socjeta` konvenuta u dan, stante il-kuntratt ghall-garr tal-merkanzija *de quo* kien sar bejn Pacorini bhala "*carrier*" u Campar Lotto bhala "*shippers*", u t-titolu ghall-merkanzija qatt m'ghadda f'idejn is-socjeta` attrici;

"2. Illi s-socjeta` konvenuta kienet biss agent – mhux principal – u allura ma hargitx il-"*Bill of Lading*";

"3. Illi s-sigill originali ma kienx f'postu meta l-"*container*" inhatt f'Malta mill-vapur Pinto, u ghalhekk seta' ntmess jew fil-moll ta' Livorno jew fit-tragitt lejn Malta fejn is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda kontroll stante li kien taht il-kustodja tal-"*Cargo Handling Co. Ltd*" u l-merkanzija setghet naqset meta kienet fix-"*Shed Number 2*";

"4. Illi ghalhekk, is-socjeta` konvenuta qatt ma tista` tigi ritenuta responsabbilita` ghall-akkadut;

"5. Illi r-responsabbilita` tal-"*carrier*" hi limitata ghall-mitt Lira Maltin, (LM100.00), kull koll u ghalhekk, l-ammont mitlub qatt ma jista' jkun dovut *in toto*;

"6. Illi ghar-ragunijiet suesposti, is-socjeta` estera Pacorini u "*The Cargo Handling Company Limited*" ghandhom jigu msejjha fil-kawza;"

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu, 2013, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li cahdet ir-rimanenti eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet originali tal-konvenuti nomine, kif ukoll in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghhom, konsegwentement laqghet it-talbiet attrici billi:

1. Iddikjarat lis-socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici Eloise Limited kif rapprezentata in atti;

2. Illikwidat d-danni sofferti mis-socjeta` attrici hekk rapprezentata fl-ammont ta' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u zewg Ewro u tmintax–il centezmu, (€138,402.18);

3. Ikkundannat lill-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur nomine id-danni hekk likwidati;

4. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-27 ta' Mejju, 1992, u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna, (22 ta' Gunju, 1992), sad-data tal-effettiv pagament.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-vertenza odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

“1. Illi l-attur nomine kien inkariga lis-socjeta` Valletta Freight Services Limited biex iggiblu x-xoghol minn Padova l-Italja, liema merkanzija giet misruqa jew ma waslitx, (ara fol 35), ghalkemm il-“container” li kienet fih, wasal Malta;

“2. Illi l-valur tal-merkanzija de quo kienet tammonta ghal mija u hamsin miljun Lira Taljana ekwivalenti ghal madwar hamsa u tletin elf Lira Maltin, (LM35,000.00), (ara fol 36);

“3. Illi l-merkanzija nvoluta kienet tikkonsisti fi zraben tal-marki Bata u Campar u xoghol iehor tal-marka Lotto, (ara fol 36), mahrug mid-ditta Pacorini, (ara fol 37);

“4. Illi d-ditta li tirrapprezenta lis-socjeta` estera Pacorini f’Malta hi s-socjeta` Valletta Freight Services Limited, (ara fol 38);

“5. Illi l-merkanzija in dizamina kienet intbaghtet Malta permezz tal-vapur Pinto bil-“Bill of Ladings” bin-numri 320136, (ara fol 5), 320137, (ara fol 6) u 320149, (ara fol 7), izda qatt ma waslet fid-destinazzjoni taghha f’Malta, ghalkemm kienet debitament konsenjata lill-agenti tas-socjeta` konvenuta fl-Italja, u li allura tat bidu ghall-kawza odjerna;

“6. Illi permezz ta’ fax datat is-27 ta’ Marzu, 1992, (ara fol 68), l-istess socjeta` konvenuta Valletta Freight Services Limited infurmat lis-socjeta` Eloise Limited li fl-atti odjerni qed tigi rapprezentata mill-attur nomine Ellul Sullivan, li kienet qed tikkonferma li kienet qed tipprocessa t-talba taghha tramite l-“underwrites” taghha bil-ghan li tigi konkluza l-vertenza li tqajjmet b’rizultat tal-ghibien tal-merkanzija de quo tramite l-kumpanija assikuratrici taghha;

“7. Illi skont iz-zewg (2) surveys li saru in konsegwenza tal-ghibien tal-merkanzija de quo jirrizulta li meta gie hekk mill-Consultant Marine Surveyor Grima spezzjonat il-container in dizamina instab li kien vojt, (ara fol 240);

“8. Illi d-danni sofferti mill-attur nomine jammontaw effettivament ghal mija u tmienja u tletin elf, erba’ mija u zewgt Ewro u tmintax –il centezmu, (€138,402.18), skont il-prospett u x-xhieda ta’ Mark Scalpello, (ara fol 262A et sequitur u fol 280 et sequitur) bhala telf tal-bejgh soffert mis-socjeta` rapprezentata in atti mill-attur nomine li effettivament baqghet ma waslitx ghandha;

“Ikkunsidrat:

“Illi hu ghalhekk pacifiku li l-vertenza in dizamina tinduci ghas-segwenti konkluzjonijiet:

"1. Illi s-socjeta` kif rapprezentata mill-attur nomine de quo ordnat il-merkanzija in dizamina mis-socjetajiet Taljani fuq indikati;

"2. Illi din il-merkanzija kellha tintbaghat fuq il-vapur Pinto lejn Malta bil-"Bill of Lading" fuq indikati u dan bl-opra tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited;

"3. Illi meta l-container in dizamina li suppost kellu l-merkanzija de quo fih infetah mal-wasla tieghu f'Malta, instab li l-merkanzija meritu tal-procedura odjerna ma kinitx hemm;

"4. Illi responsabbilita` ghall-esekuzzjoni effettiva ta' tali garr tal-merkanzija in dizamina tirrisjedi unikament fuq il-konvenuti fuq indikati;

"5. Illi din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji d-dokumentazzjoni prodotta mill-attur nomine rigwardanti d-danni sofferti mill-attur nomine stante mhux biss li l-konvenuti ma ressqu l-ebda kontradittorju fir-rigward izda li l-ammonti prodotti jirrizultaw debitament ipprovati;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut nomine tal-10 ta' April, 2013, li permezz tieghu gew appellati t-tliet sentenzi tal-21 ta' Novembru 1997, tal-20 ta' April, 2001, kif ukoll dik tal-21 ta' Marzu, 2013 u ghalhekk intalab illi jigu rrevokati u mhassra l-istess sentenzi u minflok tghaddi biex tiddeciedi li tilqa' l-aggravji u l-eccezzjonijiet tal-appellanti, bl-ispejjez kontra s-socjetà appellata.

Rat li s-socjetà appellata tramite l-avukat taghha ghazlet li ma taghmilx risposta bil-miktub ghall-appell in ezami.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' April, 2017 fejn filwaqt li d-difensur tal-appellanti rrimettiet ruhha ghall-atti bil-miktub, l-appell baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjetà attrici appellata Eloise Limited qeghda tfittex lil dik konvenuta, Valletta Freight Services Limited, sabiex thallasha ghad-danni wara li giet inkarigata sabiex iggibilha l-merkanzija mill-Italja, liema merkanzija, fil-parti l-kbira qatt ma waslitilha, peress li sfat misruqa. Is-socjetà konvenuta ressqet numru ta' eccezzjonijet kemm preliminari, kif ukoll fil-mertu, l-ghala m'ghandhiex tirrispondi ghat-talbiet attrici, li gew ilkoll michuda.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li in kwantu s-socjetà konvenuta appellanti, fir-rikors tal-appell taghha tqajjem in-nuqqas ta' personalità guridika da parti tas-socjetà appellata, peress li jinghad li giet xolta u konsegwentement giet *struck off*, mir-registru tal-kumpaniji, ghalkemm issir referenza ghad-dokumenti li suppost gew ipprezentati fil-31 ta' Ottubru, 2013, din il-Qorti ma sabet ebda dokumenti li jissostanzjaw dak li qieghed jigi allegat. Ladarba l-appellanti riedet tressaq dan in-nuqqas ta' personalità guridika tal-konvenuta bhala raguni l-ghala t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, hija kellha tressaq l-provi mehtiega u dana b'rispett ghal-principju li min jallega jrid jipprova – *onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat.* Dan il-principju jinsab kodifikat fl-

artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u ta' Procedura Civili, (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u gie ripetut diversi drabi f'sentenzi tal-Qrati taghna, fosthom dik ta' din il-Qorti Sede Inferjuri tat-2 ta' Mejju, 1995, fl-ismijiet **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella,** u ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru, 2016, fl-ismijiet **Joanna Camilleri et v. Paulmid Developments Limited.**

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tinvesti ruhha ulterjorment f'din il-lanjanza.

Jigi osservat ukoll, li ghalkemm is-socjetà konvenuta appellanti tghid li qeghda tappella wkoll mis-sentenza tal-20 ta' April, 2001, fejn giet michuda t-tieni eccezzjoni preliminari taghha dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, hija ma ssostni dan l-appell taghha bl-ebda mod u ghalhekk lanqas dan il-parti tal-appell m'huwa ser jigi mistharreg minn din il-Qorti.  Fi kwalunkwe kaz jinghad li wara li ezaminat l-imsemmija sentenza din il-Qorti taqbel perfettament ma' dik id-decizjoni tal-ewwel Qorti.  Ir-riferenza ghall-gurisprudenza fir-rigward li ghamlet l-ewwel Qorti hija appozita, u din il-Qorti taqbel li, fic-cirkustanzi, "*jkun aktar sewwa li l-kawza ssir hawn Malta*" – **Reginald Micallef v. Chev. Silvio Mifsud et nomine**, decisa minn din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 1991.

Fir-rigward tat-tieni aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti. Dan jissejjes fuq in-nuqqas ta' interess guridiku. Huwa ritenut illi l-mod kif gie pprezentat dan l-aggravju, ssir konfuzjoni bejn l-eccezzjoni preliminari li s-socjeta` konvenuta mhix il-legittimi kontradittrici tas-socjetà attrici appellata, kif determinata bis-sentenza preliminari tal-21 ta' Novembru 1997, mal-ewwel eccezzjoni ulterjuri taghha li hija meqjusa differenti minn dik ta' qabel. Permezz ta' din l-eccezzjoni ulterjuri is-socjetà konvenuta kienet qeghda ssostni n-nuqqas ta' relazzjoni guridika (sic) peress illi jinghad li s-socjetà attrici ma kenitx il-proprjetarja tal-merkanzija in kwistjoni u dan kif jirrizulta mill-Bill of Lading li nharget mid-ditta estera Pacorini bhala *carrier* lid-ditti Lotto u Compar bhala *shippers* u kwindi qatt m'ghaddiet f'idejn is-socjetà attrici appellata. Din l-ahhar eccezzjoni giet deciza permezz tal-ahhar sentenza appellata tal-21 ta' Marzu, 2013. Huwa ritenut opportun li dawn iz-zewg punti jigu trattati separatament.

Filwaqt li l-attur nomine jishaq illi huwa nkariga lil Valletta Freight Services Limited sabiex twettaq it-trasport tal-merkanzija in kwistjoni, hekk kif kien ghamel f'numru ta' okkazjonjiet ohra precedenti, jghid ukoll li huwa dejjem itratta u hallas lil din is-socjetà fl-ezercizzju tan-negozju tieghu. Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari, kif ukoll ix-xhud Victor Vella, bhala l-*commercial manager* tas-socjetà konvenuta appellanti, jishaq li qatt ma ghamlet negozju mas-socjetà attrici. Jispjega li kienet

kumpanija ohra tal-istess grupp ta' kumpaniji, Central Marine Recoveries Limited li kienet l-agent tad-ditta estera Pacorini, filwaqt li s-socjetà konvenuta bhala *sister company* kienet tghin sabiex isir il-clearance tal-merkanzija mid-dwana, peress li hija *Handling Agent* ghal Central Marine Recoveries Limited.  Ghalhekk jinsisti li s-socjetà konvenuta m'ghandhiex titqies legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici.

L-ewwel Qorti rriteniet li s-socjetà konvenuta kienet inkarigata u assumiet ir-responsabbilità tat-trasport tal-merkanzija ghall-Malta u dan kif jirrizulta mill-*freight receipts*, id-*delivery orders* u n-*notice of arrivals* kif mahruga mis-socjetà konvenuta, kif ukoll mill-korrispondenza estensiva dwar il-merkanzija in kwistjoni.

Huwa risaput illi min jeccepixxi li mhux il-legittimu kuntradittur stante nuqqas ta' relazzjoni guridika jehtieg li juri, bi provi adegwati, illi huwa ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza. Sabiex jigi stabbilit jekk persuna hijiex jew le l-legittimu kontradittur ta' parti f'kawza, jehtieg li fl-ewwel lok jigi stabbilit fuq bazi ta' *prima facie* jekk il-persuna li giet imharrka kinitx materjalment involuta f'dak li minnu qeghda tilmenta s-socjetà attrici, cioe jekk bl-agir taghha nholqitx relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini kif gew proposti mis-socjetà attrici (ara **Grace Sacco v. Supretendent Mediku fl-Isptar**

**Generali ta' Ghawdex et**, deciza min din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru, 2007).

Inoltre kif ritenut fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2009, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Urpani pro et noe v. Continental Meat Co. Ltd.:**

> "…*huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinzel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fid-decizjoni in re: "Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti*".

Din il-Qorti filwaqt li taghmel dawn il-principji taghha, meta tghaddi biex tezaminahom fil-kuntest ta' dak li rrizulta mill-provi mressqa fil-kawza odjerna, ssib li f'dan il-kaz m'hemmx dubju li s-socjetà konvenuta appellanti kienet materjalment involuta fil-garr ta' merkanzija li baqghet ma waslitx – dak li l-attur nomine qieghed jilmenta minnu fil-proceduri odjerni. Bl-inkarigu moghti mill-attur nomine lis-socjetà konvenuta, instiltet relazzjoni guridika, kwindi huwa ritenut li s-socjetà konvenuta hija tabilhaqq legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici. Dan jinghad ukoll peress illi x-xhud Victor Vella in kontro-ezami waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 1995 jikkoncedi illi:

> *"<u>Meta s-sur Sullivan kien ikellimna, kien ikellimna biex jibbukkja x-xoghol mal-Valletta Freight</u>, pero… Valletta Freight m'ghandix relazzjoni kontrattwali ma Pacorini, ir-relazzjoni kontrattwali qeghda ma Central Marine."*

Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li fir-relazzjoni interna li kellhom iz-zewg kumpaniji Valletta Freight kienet tghaddi l-ordnijiet lil Central Marine peress li kienet din il-kumpanija li kellha relazzjoni diretta ma' Pacorini. Izda din l-organizzazzjoni interna bejn iz-zewg *sister companies*, li kienu joperaw ukoll mill-istess ufficini, ma tbiddel xejn mill-fatt li s-socjetà attrici appellata kienet inkarigat lil dik konvenuta u hadd aktar sabiex twettaq it-trasport tal-merkanzija. Kien jispetta lir-rapprezentant taz-zewg socjetajiet, jekk riedu jzommu din id-distinzjoni netta bejn iz-zewg kumpaniji, li jaghmlu l-affarijiet cari meta l-attur nomine nkarigahom. Anzi kif ritenut mill-ewwel Qorti, meta wiehed jara d-dokumentazzjoni estensiva li ghaddiet bejn il-kontendenti fil-kawza, kollox ragjonevolment kien jindika lill-attur nomine li s-socjetà konvenuta appellanti kienet legittima kontraditrici ghall-pretensjonijiet taghha. Minn dan l-episodju tinstilet l-importanza li meta ssir kontrattazzjoni bejn il-partijiet dawn ghandhom ikunu cari meta jinnegozjaw bejniethom f'isem min ikunu qeghdin jikkontrattaw. Ghalhekk isegwi li din l-ewwel parti tat-tieni aggravju ma jimmeritax li jintlaqa'.

Permezz tat-tieni aggravju, qieghed jigi attakkat ukoll in-nuqqas ta' interess guridiku tas-socjetà attrici appellata, u huwa ritenut mehtieg li

tigi nvestita ukoll din il-parti tal-aggravju fid-dawl tal-eccezzjoni ulterjuri moghtija mis-socjetà konvenuta appellanti. Permezz ta' dan l-aggravju jinghad li s-socjetà attrici appellata ma resqitx il-provi mehtiega biex turi l-interess guridiku taghha kif mitlub bil-ligi sabiex issostni l-pretensjonijiet taghha. Jinghad mill-appellanti li mill-provi jirrizulta illi s-socjetà attrici Eloise Limited ma ressqitx prova ta' hlas ghall-merkanzija in kwistjoni. Issir referenza estensiva minnha ghall-kontro-ezami tal-attur nomine waqt is-seduta tal-24 ta' April, 2007, minn fejn jirrizulta li huwa m'ghandu ebda dokumenti bhal ricevuta jew dokument iehor li jsostnu t-tezi attrici li sar il-hlas tal-merkanzija in kwistjoni. Issir referenza wkoll ghall-*Bill of Lading* u jinghad li din mhix prova ta' titolu fuq il-merkanzija, peress li din hija prova ta' *contract of carriage* li nharget mid-ditta estera Pacorini bhala *carrier* lid-ditti Lotto u Compar bhala *shippers* u s-socjetà attrici lanqas ma tiffigura bhala *consignee*, izda kellha biss tigi notifikata. Fil-fehma tal-appellanti, dan ifisser li l-merkanzija ma kellhiex tigi kkonsenjata lis-socjetà appellata peress li ma kenitx hallset ghaliha u kien ghalhekk li l-attur nomine ma kienx f'posizzjoni li jressaq tali prova. Ghalhekk l-appellanti tishaq li l-interess guridiku tas-socjetà appellata ma jissusistix.

Huwa opportun li jigi osservat dak li jinghad minn Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; 5ta. ed. Torino 1902 vol. I #54 et. seq.)

meta jfisser x'inhu l-interess guridiku li jrid ikun hemm f'kull kawza bil-mod segwenti:

> "*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "l'interesse e' la misura di azione" "point d'interet, point d'action". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e' detto che 'per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse';. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita` di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere diretto, legittimo, e attuale.*
>
> "*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia diretto, personale, perche' niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*
>
> "*56. L'interesse deve in secondo luogo essere legittimo, cioe` conforme al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe` non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*
>
> "*57. Per ultimo l'interesse deve essere attuale, val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero` che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente" (pag. 50 – 52)."*

Hekk ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza taghna illi:

> "*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt giudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni* "(Vol. XX XVII. II. 608); *u" r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża"* (Vol. XXVII. I. 507). "*L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni"* (Vol. XXIX. I. 891); "*u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk*

*ma jkunx hemm interess"* (Vol. XXX. I. 317). *"L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni* "(Vol. XXXIII. I. 108; VOL. XXXVII. I. 57; XXXVII. II. 608). *"Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret"* (Vol. XXVIII. II. 317)" - **Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana**, deciza min din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 1984.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fil-fehma ta' din il-Qorti, jirrizulta li s-socjetà attrici appellata ipprezentat tliet *Bills of Lading* li *prima facie* huma prova li jistghu jaghtu titolu lis-socjetà attrici fuq il-merkanzija in kwistjoni. Madankollu meta wiehed iqis li, fuq it-tliet *Bills of Lading* jinghad li l-*consignee* hija Central Marine Recoveries Limited, b'dan illi hemm indikat li trid issir notifika lil Eloise Limited, din hija sintomatika ta' sitwazzjoni fejn tabilhaqq is-socjetà attrici appellata kienet ghada ma hallsetx ghal tali konsenji.

Il-*commercial manager* Victor Vella, jispjega din is-sitwazzjoni fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Gunju, 1994, meta jinghad minnu:

*"…r-ricevitur jidher Central Marine Recoveries ghax is-suppliers, is-sellers tal-merkanzija kienu jibghatu l-merkanzija … taht COD basis, jigifieri kienu jinkarigaw lilna, kienu jaghtu r-responsabilita lilna, li qabel ma nikkonsenjaw il-merkanzija, nigbru l-flus tal-merkanzija, allura ahna konna nkunu responsabbli."*

Spjegazzjoni li fic-cirkostanzi hija plawsibbli u li ma tirrizultax kontradetta mill-provi.

Madankollu wiehed irid izomm f'mohhu wkoll li skont l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta):-

> "*Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej.*"

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Cranes & Commercial Sales Ltd v. Micallef**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru 2003, intqal hekk a propozitu ta' dan l-artikolu u fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura:

> *"Dan ifisser illi ladarba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, l-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara Vol. XXXIII P I p 670 u Vol. XXXVII P II p 632;*
>
> *"In effetti, kif osservat, "la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario." (Vol. XX P III p 29)."*

Dan kollu japplika ghal dan il-kaz. Mill-fatturi esebiti mis-socjetà attrici appellata jirrizulta li hija kellha ftehim dwar il-haga u l-prezz tal-oggetti in konsenja, mas-*suppliers* taghha fl-Italja, tant li l-prezz huwa stabbilit fid-diversi fatturi esebiti. Ghalhekk mill-provi jirrizulta inekwivokabilment li l-oggetti ghall-bejgh u l-prezz taghhom kienu pattwiti. Jirrizulta wkoll mill-provi li kien hemm supplier (Compar SpA) li kien jaghti kreditu lis-

socjetà attrici ghall-perjodu ta' disghin gurnata, li tabilhaqq tista' tfisser li meta nsterqet il-konsenja, din kienet ghada ma thallsetx. Kif, pero`, jinghad fl-artikolu tal-ligi hawn fuq imsemmi, ladarba kien hemm il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, il-bejgh kien perfett u l-proprjetà tal-oggetti misruqa u r-riskju relattiv, ghadda fuq ix-xerrej, f'dan il-kaz is-socjetà attrici appellata. Lanqas in-nuqqas ta' konsenja ma jbiddel xejn f'dan is-sens.

Il-kwistjoni jekk effettivament is-socjetà attrici appellata hallsitx lis-socjetajiet Taljani jew le, mhix kwistjoni li b'xi mod is-socjetà konvenuta tista' tiehu vantagg minnha. Isegwi li l-kwezit jekk sarx il-hlas tal-merkanzija jew le huwa mertu li jispetta lis-socjetajiet Taljani jsegwu u mhux lis-socjetà appellanti. Ghalkemm Central Marine Recoveries Limited kienet indikata bhala *consignee* fuq il-*Bills of Lading* minflok Eloise Limited, peress li x'aktarx fil-kaz ta' certu merkanzija s-socjetà attrici appellata kienet is-soltu thallas fuq bazi ta' *cash on delivery,* ma jbiddilx il-fatt li l-proprjetà tal-oggetti kienet ghaddiet fuqha bhala x-xerrej. Certament ladarba l-proprjetà tal-konsenja ai termini tal-ligi kienet tghajjat lis-socjetà attrici, altru li jirrizulta l-interess guridiku taghha fil-mertu tal-kawza odjerna.

Ghalhekk lanqas dan it-tieni aggravju tas-socjetà appellanti ma jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Imiss li jigi ttrattat it-tielet aggravju tas-socjetà appellanti, dak li jitratta l-mertu tal-kawza, in kwantu tilmenta li permezz tas-sentenza taghha tal-21 ta' Marzu, 2013, l-ewwel Qorti ma tatx bizzejjed piz il-provi prodotti mis-socjetà appellanti. Sa fejn fl-ewwel parti tat-tielet aggravju wiehed isib ripetizzjoni ta' dak li gie indirizzat taht it-tieni aggravju, din il-Qorti ma tqisx li hemm ghalfejn tirrepeti ruhha, in kwantu jinsab ormai assodat li s-socjetà appellanti kienet inkarigata mis-socjetà appellata sabiex iggib il-merkanzija mill-Italja.

Fit-tieni parti tal-istess aggravju filwaqt li ssir referenza ghax-xhieda ta' Joseph Parnis, jigu attribwiti numru ta' affarijiet li allegatament nghadu minn dan ix-xhud, li suppost ghandhom iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-merkanzija ma kenitx proprjetà ta' Eloise Limited. Is-socjetà appellanti tishaq illi l-arrangamenti tal-garr saru bejn is-socjetà barranija Compar li tat id-dettalji lis-socjetà tal-garr barranija Pacorini, li jiehu hsieb li l-merkanzija tingarr mill-Italja ghall-Malta.

Jinghad ukoll mill-istess socjeta` appellanti li bhala agent, is-socjetà Central Marine ma tkunx rat ix-xoghol fl-ordni li tkun nghatat lil Pacorini. Is-socjetà appellanti tishaq illi hija ma kellha assolutament ebda kontroll fuq il-*containers* li kienu ppakkjati bhala *groupage containers* gewwa Milan u waqt li kien qieghed isir it-trasport minn Milan ghall-Port ta'

Livorno, jew waqt li l-containers kienu fuq il-vapur tas-Sea Malta "Pinto", u lanqas waqt li kienu qeghdin jigu mnizzla minn fuq il-vapur sakemm wasslu gewwa x-sheds tal-Cargo Handling, taht is-supervizjoni tad-Dwana. Terga' ssir referenza f'dan is-sens ghax-xhieda ta' Joseph Parnis tat-23 ta' April, 2009, filwaqt li tishaq li ma kenitx responsabbli ghall-arrangamenti tat-trasport.

Din il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta' Joseph Parnis tat-23 ta' April, 2009, li kien jahdem fil-kariga ta' *Operations Superintendent* mas-socjetà Cargo Handling, li jispjega l-procedura ta' kif jitnizzlu u jigu pprocessati l-*containers* li jaslu minn barra. F'kaz ta' g*roupage containers*, ikun hemm diversi *consignees* li jkollhom il-merkanzija fl-istess *container*. Dan ix-xhud jispjega li meta jaslu l-*containers* kienu jitnizzlu minn fuq il-vapur permezz ta' *crane* ghal fuq l-art. Fl-ewwel stadju ufficjali tal-Cargo Handling u tad-Dwana jiccekkjaw il-*container* biss minn barra, jiehdu n-numru tal-*container*, jaraw jekk hemmx xi *damages* u jaraw li jkun hemm is-sigilli. Filwaqt li l-ufficjali tad-dwana ta' Malta jaghmlu sigill ta' Malta. Fit-tieni stadju meta jinfetah il-*container*, it-*tally clerks* tal-kumpannija Cargo Handling flimkien mat-*tally clerks* tal-agent, li jkun qieghed jiehu hsieb il-*container,* li f'dan il-kaz kienet Valletta Freight Services Limited, u l-ufficjali tad-dwana jnizzlu l-kwantitajiet ta' pakketti u ssir rimarka f'kaz ta' hsara. Dan ix-xhud jispjega li mil-lat ta' dokumenti, l-agent ikollu l-*bill of lading* li tinbidel mad-*delivery order*, sabiex ikun awtorizzat jirtira x-xoghol. Filwaqt li min-naha tad-dwana

tinhareg *Declaration and Disposal Order* li fuqha jithallas id-dazju skont it-tariffa tad-dwana, u l-*handling charges* tal-kumpannija, qabel ma tigi rilaxxata l-konsenja. Jispjega wkoll li f'kaz li l-*consignee* jkollu merkanzija nieqsa:

> "*…dejjem jista' l-consignee jitlob certifikat lid-dwana…Minghand id-Dwana tan-nuqqasijiet li kellu skond dik il-konsenja… Naturalment minhabba insurance…*"

Mis-silta tax-xhieda appena citata jirrizulta li c-certifikat tad-dwana dwar in-nuqqasijiet fil-konsenja ma kienx mehtieg *ad validatem*, izda dan jinhareg jekk ikun il-kaz li jkun hemm kumpannija tal-assikurazzjoni nvoluta. Mix-xhieda tal-attur nomine jirrizulta li l-merkanzija in kwistjoni ma kenitx assigurata u ghalhekk huwa ma kienx jehtieg l-imsemmi certifikat.

Rilevanti ukoll li dan ix-xhud in kontro-ezami kien effettivament muri *Declaration and Disposal Order* esebita fl-atti, relativa ghall-kaz partikolari, li l-istess xhud ikkonferma li nharget proprju mis-socjetà Cargo Handling. Inoltrè din il-Qorti ssib li d-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici pjuttost jaqblu ma' dak li nghad minn dan ix-xhud sa fejn s-socjetà attrici esebiet id-*Delivery Order*, in-*Notice of Arrival* u l-*Freight Receipts* li huma mahruga proprju fuq il-l*etterheads* ta' Valletta Freight Services Limited, u fihom hemm ukoll referenza ghall-*Bills of Lading* 320136, 320137 u 320149*.* Ghalhekk huwa ritenut li d-dokumenti esebiti

mis-socjetà attrici jikkonformaw ma' dak li nghad mill-imsemmi xhud u ma jirrizulta ebda nuqqas fihom da parti tas-socjetà attrici fir-rigward, li ghandu b'xi mod ixejjen il-pretensjonijiet taghha.

Sa fejn l-aggravju tas-socjetà appellanti jissejjes fuq l-organizzazzjoni tat-tragitt bejn l-Italja u Malta, ghandu jigi ribadit illi mill-provi jinsab accertat li s-socjetà attrici appellata nkarigat lis-socjetà Valletta Freight Services Limited sabiex iggibilha l-merkanzija. Jirrizulta li s-socjetà konvenuta appellanti qabbdet lis-socjetà Central Marine Recoveries Limited li kellha kuntratt ta' agenzija mas-socjetà estera Pacorini. Kienet din li finalment gabret il-konsenja minghand is-suppliers Taljani. Mill-provi jirrizulta wkoll li meta wasal l-ewwel *container,* kien hemm sigill li ma kienx intatt u rrizulta li kien hemm merkanzija nieqsa, mhux biss tas-socjetà attrici, izda wkoll ta' importaturi ohra li kienu ghamlu uzu mill-g*roupage containers.* L-istess socjetà appellanti, fuq inkarigu ta' Pacorini, qabdu lil Lloyd's sabiex jaghmlulhom zewg *surveys*, peress li kien hemm zewg konsenji, dwar in-nuqqasijiet riskontrati mid-diversi importaturi. Interessanti huwa l-fatt li fl-imsemmija *surveys* jinghad li l-applikanti ghal "*Non Delivery" Information Form* hija Valletta Freight Services Limited, u fl-iskeda taghha jinghad ukoll "*Under the circumstances Applicant filed claims against the Handling Companies concerned."* Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jkompli jxejjen il-linja difensjonali adottata mis-socjetà konvenuta appellanti.

In tema legali huwa ritenut li ladarba is-socjetà attrici appellata dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mas-socjetà konvenuta appellanti Valletta Freight Services Limited, huwa mifhum li hija qeghda ssejjes l-azzjoni taghha fuq il-bazi ta' inadempjenza kuntrattwali, in kwantu l-konsenja tal-merkanzija ma saritx kif miftiehem, peress li waslet hawn Malta bin-nieqes. Il-fatt li s-socjetà appellanti nkarigat lil terzi mhix skuzanti. Fil-fatt l-Artikolu 1037 tal-Kodici Civili li jikkontempla precizament din is-sitwazzjoni:

> "*Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb illi hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi*"

F'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha deciza fl-10 ta' Ottubru 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Keith Said noe v. Joseph Falzon et noe** f'cirkostanzi simili ghal kaz in ezami:

> "*Dan l-artikolu ghalhekk jipprospetta fl-ewwel lok il-possibilita' li minn jiehu xoghol jista' jghaddieh ossia jissubkuntratta dak l-istess xoghol lill-terza persuna. Fit-tieni lok dan l-artikolu, b 'rispett lejn il-principju enuncjat fl-artikolu 1031 li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" jehles minn responsabibita' ghad-danni lill-kontraent principali, jekk dan juri li l-persuna li huwa jkun inkariga kienet ta' hila u idonea biex tezegwixxi l-inkarigu. B'hekk dik ir-responsabbilita' tghaddi fuq it-terz hekk inkarigat. Dan ghaliex il-kontraent originali jibqa' responsabbli versu minn qabdu, kemm-il darba ma jurix li dak inkarigat minnu kien ta' hila*"

Huwa principju assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana, li trasportatur jibqa' responsabbli, indipendentement mill-fatt li huwa jkun qabbad persuna ohra ghal dak ix-xoghol jew servizz. Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et v. Express Trailers Limited,** inghad:

> *"Kienet is-socjeta` konvenuta li ghazlet lil min tqabbad biex igorrilha t-trailer bil-bahar sa gol-port ta' Genoa, u hi tassumi r-responsabbilta` ghal dak kollu li s-sub-kuntrattur jaghmel ghan-nom taghha. Debitur ta' obbligazzjoni ma jistax jipprova jehles mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu billi jwahhal f'xi hadd li qabbad biex jghinu fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. F'dan is-sens hi l-gurisprudenza (ara per ezempju, Farrugia v. Attard deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-28 ta' April 1998) u l-kliem tal-istess konvenzjoni (Artikolu 3). Is-socjeta` konvenuta hija l-carrier u hija tibqa hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi hija tkun qabdet persuna ohra ghal dak ix-xoghol jew servizz. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi Abela v. S. Mifsud & Sons Ltd deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001, u Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe v. Sea Malta Co Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-17 ta' Novembru 2004. F'dan il-kuntest, allura, din il-Qorti tara li l-istess socjeta` konvenuta kienet u baqghet responsabbli ghat-tragitt kollu minn Malta lejn l-Ingilterra, inkluz meta t-trailer kien fil-pussess ta' terzi ghall-parti mill-vjagg u, cioe`, sal-port ta' Genoa fl-Italia."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, jirrizulta ampjament mill-provi li kull kuntrattazzjoni li seta' kien hemm rigwardanti l-garr tal-merkanzija in kwistjoni kienet bejn il-kontendenti fil-kawza. Isegwi li s-socjeta` konvenuta appellanti kienet direttament responsabbli vis-a-vis s-socjeta` attrici ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni minnha assunta. Fl-ezekuzzjoni tal-obbligi taghha s-socjeta` konvenuta appellanti kellha d-dmir li tuza l-prudenza, id-diligenza, u il-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Art. 1032 Kap 16), inkluz li tqabbad persuni kompetenti.

L-ahhar punt sollevat taht it-tielet aggravju, huwa li s-socjetà konvenuta appellanti tishaq li l-involviment taghha kien minimu, in kwantu tghid li la rat ix-xoghol ikkonsenjat u lanqas kellha ebda kontroll fuq il-*containers* fit-tragitt taghhom bejn l-Italja u Malta. Jigi ribadit li din il-kawza kif impostata kontra s-socjetà appellanti hija bbazata fuq ir-rabta kuntrattwali bejn iz-zewg partijiet. Ir-rabta kuntrattwali kienet torbot lis-socjetà konvenuta appellanti li tittrasporta l-merkanzija mill-Italja ghal Malta. Jekk il-merkanzija ma waslitx, jew waslet biss parti minnha, kif gara f'dan il-kaz, il-kuntratt ma jkunx gie esegwit u huwa meqjus irrilevanti li s-socjetà konvenuta ma kienet qatt fil-pussess materjali tal-merkanzija de quo, u dan ghaliex kieku tali eccezzjoni ta' subappalt tista' xxejjen kuntratt ta' trasport ta' merkanzija, allura kull darba li jkun hemm subappalt il-kontraent principali ikun dejjem jista' jehles mill-obbligi tieghu billi sempliciment jghid li huwa nkariga lis-subappaltatur. Dan imur kontra l-insenjament tal-qrati taghna kif citati hawn qabel li dahlu wkoll fuq dan il-punt.

Inoltre l-Qorti tqis illi kien jinkombi fuq is-socjetà konvenuta appellanti biex turi lill-Qorti x'mizuri hadet biex is-serq matul il-vjagg ma jsehhx (ara bhala ezempju s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Compunet Limited v. B.A.S. Limited** moghtija fit-30 ta Gunju 2010, dwar diversi mizuri li t-trasportaturi huma tenuti li jiehdu biex jigi

evitat is-serq fit-trasport ta' merkanzija). L-istess fatt li s-socjetà appellanti m'ghandhiex ideja f'liema stadju insterqet il-merkanzija jekk hux minn Milan jew Livorno jew fuq il-vapur, tkompli ssahhah il-fehma ta' din il-Qorti, li kien hemm nuqqas fl-ezekuzzjoni tal-obbligi minnha assunti, in kwantu jixhdu mankanza assoluta, fis-sistemi ta' kontroll fit-trasport tal-merkanzija minnha organizzat, mill-Italja ghal Malta.

Ghalhekk lanqas dan it-tielet aggravju ma jimmerita li jintlaqa' u ser jigi michud.

In kwantu r-raba' aggravju tas-socjetà appellanti jitratta l-*quantum* tad-danni likwidati permezz tas-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2013, li jinghad huma eccessivi, din tissottometti li s-socjetà appellata ma ressqet ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet taghha. Aktar minn hekk tissottomertti fir-rigward il-*mark up value* mitlub ta' 100%, li dan ma jistax jintalab, u meta importatur jaghmel *claim* ma jistax jitlob aktar minn *cost, insurance* u *freight*.

Kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-ewwel parti tar-raba' aggravju, din il-Qorti tqis li l-*quantum* tal-valur tal-merkanzija nieqsa jinsab ippruvat kemm permezz tal-fatturi esebiti, kif ukoll permezz tar-rapport ta' Mark Scalpello, accountant inkarigat mis-socjetà attrici appellata. Jirrizulta li sar ezercizzju minnu dwar il-pretensjonijiet attrici ghad-danni, li huwa

bbazat fuq il-fatturi, li minnhom tnaqqsu dawk il-partiti tal-merkanzija li waslu Malta u gew ikkonsenjati lis-socjetà attrici, li jwassal ghall-figura ta' Lm30,091 ekwivalenti ghal €70,093.17. Tqis, izda, li ghandha tkun din il-figura li ghandha tittiehed bhala l-ammont ta' danni sofferti mis-socjetà attrici appellata. Dana jinghad peress li apparti li ma tressqet ebda prova dwar il-*mark ups* ta' 100% hekk kif jinghad mill-attur nomine, tqis li l-ezercizzju tal-likwidazzjoni tad-danni ghandu jkun limitat ghal dawk id-danni realment subiti fil-mument li nsterqu, konsistenti fil-valur tal-merkanzija ekwivalenti ghall-*cost price,* u mhux tinkludi l-profitt li seta' jaghmel minnhom l-attur nomine konsegwenti ghall-bejgh tal-istess merkanzija.

F'dan is-sens, ir-raba' aggravju tas-socjetà appellanti jimmerita li jintlaqa' kif inghad u s-sentenza appellata ser tigi riformata.

Finalment, fil-hames aggravju jinghad mis-socjetà appellanti illi l-ewwel Qorti kellha tillimita r-responsabbilità skont il-ligi tal-carriage of goods, sa fejn issostni li jekk kellha responsabbilità din kellha tkun limitata ghal *100 pound sterling per unit or package.*

Ghalkemm mhux daqstant car mill-aggravju nnifsu, huwa mifhum li hawnhekk qeghda ssir referenza ghal-limitazzjoni fir-responsabbilità li normalment tirrizulta mill-*Bill of Lading.* Madankollu l-*Bill of Lading*

huwa inforzabbli bejn Pacorini u Central Marine Recoveries Limited bhala *consignee.* Isegwi li, ladarba kif jinghad mill-istess socjetà appellanti, Eloise Limited mhix *consignee* fuq l-imsemmija *Bills of Lading*, it-termini taghhom ma jaghmlux stat fil-konfront taghha, u ghalhekk isegwi li mhumiex applikabbli ghaliha.

Isegwi li lanqas dan l-ahhar aggravju ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn spjegati, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tas-socjetà konvenuta appellanti Valletta Freight Services Limited, billi:

1. Tilqa' l-istess limitatament, in kwantu filwaqt li tikkonferma s-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1997 u tal-20 ta' April, 2001, tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Marzu 2013, billi tikkonferma d-dikjarazzjoni li s-socjetà konvenuta appellanti Valletta Freight Services Limited bhala unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici Eloise Limited, izda tirrevokaha fejn illikwidat d-danni sofferti mis-socjeta` attrici hekk rapprezentata fl-ammont ta' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u zewg Ewro u tmintax-il centezmu, (€138,402.18) u kkundannat lill-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur nomine id-danni hekk likwidati; u minflok,

2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' sebghin elf, tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€70,093.17); u

3. Tikkundanna lis-socjetà Valletta Freight Services Limited thallas lis-socjetà Eloise Limited, is-somma hekk likwidata ta' sebghin elf, tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€70,093.17), bl-imghax dekorribbli mit-22 ta' Gunju, 1992, data tal-prezentata tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez tal-kawza kollha ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwint ($^{1}/_{5}$) mis-socjetà attrici u erba kwinti ($^{4}/_{5}$) mis-socjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df